MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 201/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Debattista talli fit-23 ta' Mejju 2004 ghall-habta tal-5:15 a.m. bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' 'Red Square' li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan:

1) ippermetta li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta' l-Awtorita` kompetenti;
2) ghamel xi haga u cioe` daqq jew ippermetta li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta' l-Awtorita` kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega

minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Debattista mhux hati u lliberatu mill-imputazzjonijiet dedotti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali tal-15 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa bbazat fuq dak li jissottometti kien in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tapplika r-regolament 36 ta' l-Avviz Legali 102 tas-sena 2002 li jipprovdi li l-ebda muzika ma ghandha tindaqq bejn l-4.00 a.m. u d-9.00 a.m., u mxiet biss fuq il-permess esebit fil-process. Ghalhekk meta fil-kaz in ezami l-Pulizija marru fuq il-post u sabu li kienet qed tindaqq il-muzika fil-5.15 a.m., dan kien qieghed isir kemm bi ksur tal-ligi kif ukoll bi ksur tal-permess mahrug mill-Malta Tourism Authority.

Ir-regolament 36 ta' l-Avviz Legali 102/2002 jipprovdi hekk:

**"Minkejja d-disposizzjonijiet tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista', taht dawk il-kondizzjonijiet li huwa jista' f'kull kaz partikolari jiddeciedi, jestendi l-hinijiet tax-xoghol ta' post kummercjali li jkollu licenzja bhala stabbiliment tal-catering taht l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, jew li jkollu licenzja bhala night-**

**club, diskoteka jew xi post iehor fejn isir iz-zfin u normalment jithallas dritt ghad-dhul, ghal iktar mill-hin stabbilit ghal dak il-post taht dik l-Iskeda:**

**Izda:-**

**(a) ma ghandha tindaqq ebda muzika bejn l-4.00 a.m. u d-9.00 a.m."**

P.S. 69 Jesmond Cremona u P.C. 111 Mark Anthony Camilleri xehdu li fid-data in kwistjoni ghall-habta tal-5.15 a.m. kienet qed tindaqq il-muzika fil-lokal li jismu Red Square u li jinsab gewwa Triq San Gorg f'Paceville. Bhala fatt ma jirrizultax li gie kontestat mill-appellat. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat ghax qalet li fil-licenzja *de quo* hemm limitu ta' hin ghall-gheluq izda m'hemmx impost hin ta' ftuh. Da parti tieghu l-appellat qieghed isostni li l-kopja tal-licenzja esebita mill-prosekuzzjoni ma tippruvax li ma jistax isir daqqq ta' muzika peress illi l-kondizzjonijiet li kienu jezistu qabel ma' l-Malta Tourism Authority hadet f'idejha dawn il-licenzji minghand il-Kummissarju tal-Pulizija ghadhom vigenti. Ghalhekk il-prosekuzzjoni la ppruvat li ghandu u lanqas li m'ghandux licenzja.

Issa, huwa veru li l-kopja tal-licenzja esebita bhala Dok. LT1 (a fol. 4) ma tghid xejn dwar jekk tistax tindaqq muzika jew le. Il-vertenza pero` tirrigwarda d-daqq ta' muzika fil-5.15 a.m. L-ewwel paragrafu tat-Tielet Skeda annessa ma' l-Avviz Legali 102/2002 jipprovdi li l-hinijiet normali tax-xoghol ta' post kummercjali bejn it-8 ta' Jannar u t-30 ta' Novembru, iz-zewg dati inkluzi, huma mill-4.00 a.m. sas-7.00 p.m. mit-Tnejn sal-Gimgha u mill-4.00 a.m. sat-8.00 p.m. nhar ta' Sibt. F'kaz ta' stabbilimenti tal-catering kif imfissra fl-Att ta' l-1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, night-clubs, diskoteki u postijiet ohra fejn isir iz-zfin u fejn normalment jithallas dritt tad-dhul, it-tielet paragrafu fl-istess Skeda jipprovdi li dawn jistghu jinzammu miftuh f'kull gurnata sas-1.00 a.m. Bis-sahha tar-regolament 36 ta' l-istess Avviz Legali mbaghad (citat qabel) jistghu jinghataw estensjonijiet tal-hinijiet tax-xoghol ta' dawn l-istabbilimenti kummercjali.

Fil-kaz in ezami difatti jirrizulta li l-lokal "Red Square" ghandu estensjoni tal-hin tal-ftuh sal-4.00 a.m. li jidher li jfisser ghalhekk li jista' jibqa' miftuh erbgha u ghoxrin siegha kuljum. L-imsemmi regolament 36 pero` jistabilixxi certi limitazzjonijiet, fosthom dik gia` citata fil-paragrafu (a), cioe` li ma tistax tindaqq ebda muzika bejn l-4.00 a.m. u d-9.00 a.m. Konsegwentement, anke jekk l-appellat kellu permess biex idoqq muzika fil-lokal tieghu, l-eskluzjoni msemmija fil-ligi li ma jdoqqx muzika bejn l-4.00 a.m. u d-9.00 a.m. xorta tapplika ghalih. Billi nstab idoqq muzika fil-5.15 a.m. allura gie li kiser dak provdut mil-ligi peress li kien qieghed idoqq fil-hin li l-ligi trid li ma tindaqqx muzika.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellat John Debattista hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat ir-regolamenti 36(a), 50 u t-Tielet Skeda ta' l-Avviz Legali 102 tas-sena 2002, l-artikolu 29(a) tal-Kap. 441 (Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc), u l-artikolu 338(gg) tal-Kap. 9, tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin lira (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------